MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Talba Numru. 80/2012

**Bank of Valletta Plc**

**Vs**

**Breaks in Malta Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Frar 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u sebghin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€2,370.42) liema ammont huwa dovut permezz ta' skrittura privata datata 4 ta' Frar 2011 fejn is-socjeta attricii kkoncediet laon facility lill konvenuta socjeta Breaks in Malta Limited;

Illi, s-socjeta konvenuta tinsab debitricitas-socjeta attici fis-somma ta' elfejn, tlett mija u sebghin Ewro u tnejn u

erbghin centezmu (€2,370.42), bilanc ghad-debitu fil 'Loan Account' mal-Bank of Valletta p.l.c flimkien mal-imghax ulterjuri mill-25 ta' Novembru 2011 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll tal-Ittra Ufficjali tat-13 ta' Ottrubru 2011.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament tieghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjeta konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-29 ta' Marzu 2012, la fis-seduta tat-12 ta' April 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2012 u filfatt is-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u sebghin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€2,370.42) flimkien mal-imghax mil-25 ta' Novembru 2011 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta konvenuta flimkien mal-ispejjez tal-Ittra Ufficjali tat-13 ta' Ottubru 2011.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------